**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Cremona)**

**-vs-**

**Hussein Abdullahi Jama, detentur tal-Karta tal-Identità nru. 120410A.**

***Każ Nru.: 6999/2024***

Illum**, 16 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Hussein Abdullahi Jama,** u ċioè talli:

Nhar fis-7 ta' Settembru 2024, għall-ħabta tas-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30hrs) ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fil-viċinanzi:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha fit-termini tal-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma kien illiċenzjat u/jew awtorizzat li jkun f'tali pussess, u dana bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-

dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 101.02 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu**

3. U aktar talli **ikkommetta dan ir-reat ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta'** skola, club, jew **xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ,** skont it-termini tat-tieni proviso tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta'Malta;

4. U aktar talli irrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella, u fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) mill-Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu, u dana bi ksur tal-artikolu 49, 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma propjetà tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dana ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet finalment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar id-9 ta' Settembru, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-ammonti tas-sustanzi projbiti suġġett ta' dawn l-imputazzjonijiet, tal-karattru refrattarju tal-imputat w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom li l-imputat rreġistra ammissjoni bikrija.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll tat-Taqsimiet IV u VI u tal-artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni *proviso* għall-artikolu 22(2) tal-***Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,*** Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-Regolamenti 4 u 9 tar-***Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi*** (G.N. 292/1939 kif emendata, L.S.101.02), issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah sena priġunerija u multa ta ħames mitt ewro (€500).

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà mobbli w immobbli kollha ta' l-imputata, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta,

Inoltrè tordna **d-distruzzjoni tal-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mar-reat esibiti f'dawn l-atti** hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandha tirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

In vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 5(2)(d) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrakkomanda lill Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex jeżerċita l-poteri tiegħu taħt l-artikolu 14 tal-istess Att kemm il-darba l-imputat ikun serva s-sentenza tiegħu.

Finalment tordna <u>notifika</u> ta' din is-sentenza lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, kif ukoll lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**